# GHAR IL-KBIR

JEKK tħares lejn mappa ta' Malta daqsxejn kbira, fuq ir-riħ tal-Buskett tara naħa msemmija : ''Għar il-Kbir''. Jgħidulha hekk għax hemm fuq tassew li hemm għar kbir, ġewwa ħofra ġo l-art, li fih sa żmien mhux imbiegħed kienu jgħammru ħafna nies (1).

Dan il-għar ma ssibux kif ġie ġie għax qiegħed f'ħofra bejn il-ħitan tar-raba'. Imma jekk xi ħadd iħobb il-ħwejjeġ ta' l-antik (jien ngħid għalija nħobbhom u naħseb li m'iniex waħdi) u jixtieq jarah għandu jmur il-Buskett, u jitla' minn ħdejn dik il-menqa l-kbira li hemm fit-tarf tal-ġnien, għal quddiem dik il-għalqa li fiha miktub fuq biebha : ''Mixtla tad-Dwieli Amerikani'', u jarġa' jilwi fuq ix-xellug ma' l-ewwel triq. Jitla' t-telgħa sa jsib qatgħa moxa u fuq il-lemin razzett waħdani. Jiġbed lejn il-lemin f'nofs il-moxa li għedna, mat-triq tal-karrettuni. Malli, hu u sejjer, isib ħajt tar-raba', ftit il-hemm minnu jara bħal borġ imwaqqa'. Hemm ma' ġenb il-borġ sewwa, ġewwa ħofra jsib Għar il-Kbir.

Għar il-Kbir fil-bidu tiegħu kien tibwiqa taħt l-art li wara nfetħet, b'toqolha jew b'xi teħżiża. Maż-żmien in-nies intebħu biha. Għamlu niżla bil-ħaġar għal ġewwa fiha, balltu qiegħha b'torba u mazkan, u għammru fiha għal snin kbar.

Kif tinżel minn ma' ġenb il-borġ għal ġe' l-ħofra u tħares ma' dwarek, tara, dawwara mejt. barra minn fejn inżilt, għadd ta' għerien. Fil-għoli, fuq l-akbar għar fosthom tliet toqbiet imrebbgħin. fejn, naħseb, kienu jżommu xi xbiehat tal-qaddisin. Fl-ewwel għar, mal-lemin hemm mal-ħajt għarma żrar u s-saqaf imsewwed donnu b'xi dħaħen. Wara ż-żrar hemm bieb ta' għar ieħor, jidher kemm kemm il-fuqan tiegħu.

Toħroġ minn dan il-għar u tidħol f'ta' ma' ġenbu, li huwa l-aħjar wieħed. Kien magħluq bil-ħitan tal-ħaġar minn fuq s'isfel (il-lum aktar minn nofshom imwaqqgħin) u mħolli bieb fih biex jidħlu u joħorġu. Fis-saqaf tiegħu hemm kemm-il marbat żgħir, u f'rokna marbat kbir. donnu biex tirtabat fih xi bhima, u taħtu maxtura. Minn dan tgħaddi għal għar ieħor iżjed 'il ġewwa, li

(1) Fi żmien il-Konti Ciantar kien hemm 27 familja li bejniethom jagħmlu 117-il ruħ, qishom kollha ragħajja.

fih ukoll kotra ta' mrabat fis-saqaf u mal-ħitan, uħud sħaħ, uħud miksura. F'rokna għadhom jidhru d-daqqiet ta' fies li ta min kien ikabbar il-għar bit-taħfir.

Toħroġ minn dan, tidħol f'għar ieħor, imsewwi bil-ħitan mibnija u bl-imrabat fis-saqaf bħal ta' qablu. Ma' dan jinfed għar ieħor kbir mudlam għal darba.

Meta titla' fuq, ma' ġenb il-borġ, tara għar ieħor żgħir, b'kanal maqtugħ minn naħa ta' ġewwa, minn fejn igħaddi l-ilma. Innaħa l-oħra tal-borġ, imbagħad, għar ieħor żgħir, b'erbgħa ħofriet, tnejn kbar u tnejn żgħar, fuq biebu, u kotra ta' taħfir ieħor imrebba' u mirqum, minn ġewwa. Itik taħseb li kienet xi knisja tagħhom, u f'dak it-taħfir kienu jitqiegħdu xi xbiehat ta' qaddisin.

Fuq ir-riħ tal-għar daqsxejn ta' misraħ, imdawwar b'ħajt tas-sejjieħ. Hemm naħseb li kienet il-''Pjazza'' tagħhom. Hemm in-nies tal-għar kienu joħorġu fis-sajf, għall-arja bierda ta' filgħaxija.

Dan huwa l-għar kif inhu l-lum. Imma għandna tifsir kif kien dak il-għar bin-nies li jgħammru fih b'kollox miktub fis-sena 1637, jiġifieri ftit fuq tliet mitt sena ilu (2).

Wieħed qassis mela dak iż-żmien kien Malta, u stiednu s-sultan Laskri biex joqgħod ftit miegħu l-Palazz tal-Buskett. Kif kienu qegħdin jitħaddtu s-sultan u l-qassis fuq x'fiha u ma fihiex Malta, is-sultan qallu li hemm fuq għolja qribha kien hemm għemara taħt l-art li fiha joqogħdu nies qaddejja tiegħu, u ħajjru wkoll biex kieku jmur iżurhom. Il-qassis laqa' l-istedina, u s-sultan bagħat raġel li kien jaf sewwa fejn hu l-għar ħalli jwassal lill-qassis. Il-qassis kiteb li dak il-għar kienu jgħidulu ''Għar il-Kbir'', xorta waħda bħal-lum.

Kif il-qassis daħal il-bieb il-kbir, ra l-għar mit-tul u l-wisa' mimli bin-nies, irġiel, nisa, bniet u subien, lebsin bħal bdiewa. Għad li kienu kollha mħawdin flimkien, kull familja kellha r-rokna tagħha, jew rokna magħmula mill-ħolqien, jew imħaffra minnies. F'dawn l-irkejjen kellhom merfugħin kollox għalih, il-ħwejjeġ ta' l-ikel. Hemm sodda maqtugħa fil-blat, hemm il-ħobż, hemm il-ġbejniet. Naħat oħra kien hemm l-imqawel għall-baqar, għall-ħmir, għall-għanem u għat-tiġieġ.

---

(2) Ara t-tifsir sħiħ miktub bil-Latin, fil-*Malta Illustrata* faċċ. 261.

Kellhom ġarar tal-fuħħar biex iġibu l-ilma minn bjar u sniesel tal-basal u tewm imdendlin mal-ħitan. Kellhom il-fran fejn jaħmu l-ħobż, biċ-ċmieni biex jitfgħu d-duħħan 'il barra. Id-dawl f'dawn l-għerien kien jidħol minn fetħat imkenna, biex għad li jidħol id-dawl, ma jidħlux minnhom ir-riħ u x-xita.

Ma' tul in-nhar l-irġiel kienu joħorġu jaħdmu fir-raba' jew jirgħu l-għanem u n-nisa joqogħdu ġewwa jagħmlu l-ġbejniet jew jaħbżu l-ħobż. Billi ma kellhom ħatab kienu jagħġnu r-rawt talbaqar u r-redus tan-nagħaġ. jagħmluh ftajjar u jnixxfuh fix-xemx biex iqabbdu n-nar u jaħbżu bih (3). Ir-rġiel kienu mġissma u mibruma, u n-nisa m'humiex koroh. Kienu jgħixu għomor twil. Laħam ma kenux jieklu. Hajjithom kienet ħobż, ġbejniet, basal, għaġin, frott u ħxejjex misjura.

"Nies", tgħidilhom f'qalbek, int u tiela' minn dawk il-għerien egħmieqa, "Maltin ta' dari, kemm kienet hienja l-ħajja fqira u ħafifa tagħkom! Kemm-il darba qagħadtu f'dan il-misraħ tieklu l-ħobż u l-ġbejniet magħmula minnkom! Taraw ix-xemx ħamra ħamra, nieżla għal ġewwa l-baħar u tħossu l-fewġa bierda ta' fil-għaxija tmellsilkom ħaddejkom. Kemm-il darba għad-dawl ta' qamar qagħadtu f'dan il-misraħ, titħaddtu, tgħannu u tiħennew b'uliedkom jiżfnu id f'id quddiemkom!

"X'għażla hemm bejna u bejnkom! Kif tafu kemm batejna. Kemm rajna u kemm smajna. Kemm tifqiegħ ta' balal u damdim ta' bombi. Kemm uċuħ sofor, imħaffra, u għajnejn imberrqa. Kemm djar imġarrfa, kemm nies imtertqa, u klieb iqarmċu l frak tal-għadam tagħhom!

"In-nies ta' żmienna rgħiba wisq. U dan hu l-wixx tarregħba tagħhom."

L. Cutajar.

---

(3) Xorta waħda bħalma jagħmlu l-fellaħin tal-Palestina. Il-forn tagħhom ikun tat-tafal, għamla ta' lenbija wiċċha 'l isfel. Jiksuha biżż'bel niexef minn barra, ituh in-nar, u meta l-forn jisħon iqiegħdu l-ħobż, għamla ta' ftajjar, fuq il-qiegħ tiegħu minn ġewwa .Iż-żibel tal-baqar u nagħaġ hu u jinħaraq ftit jew xejn jagħmel duħħan u riħa.